KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-18 ta' Marzu 2021 [1]

Kawża C-546/18

FN,
GM,
Adler Real Estate AG,
HL,
Petrus Advisers LLP
partijiet konġunti:
Übernahmekommission

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Finalità tad-deċiżjonijiet meħuda fl-għeluq tal-proċeduri amministrattivi – Direttiva 2004/25/KE – Interpretazzjoni f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea)

I. Introduzzjoni

1. Il-kuntest ta' dan il-każ huwa ffurmat minn żewġ proċeduri separati mibdija mill-Übernahmekommission (il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi, l-Awstrija). L-ewwel proċedura (preliminari) stabbilixxiet il-fatti (oġġettivi) ta' ksur tar-regoli dwar offerti ta' xiri. Skont ir-regoli proċedurali Awstrijaċi, ladarba l-konklużjonijiet mill-proċeduri preliminari jsiru definittivi, it-tieni proċedura (penali amministrattiva) hija marbuta minn dawk id-determinazzjonijiet objettivi meta jiġi evalwat jekk il-kriterji (soġġettivi) għall-allegat ksur huma wkoll issodisfatti u meta jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-individwi kkonċernati.

2. Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), tinvoka l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta") u d-Direttiva 2004/25/KE [2] (iktar 'il quddiem "id-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri"), essenzjalment tistaqsi dwar id-drittijiet proċedurali li d-dritt tal-Unjoni tipprovdi għal persuni li ma kinux partijiet għall-"ewwel sensiela" tal-proċeduri preliminari, iżda li jistgħu jaffaċċjaw, minħabba il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom fi ħdan l-istrutturi korporattivi tal-kumpanniji li kienu partijiet fl-ewwel proċeduri, sanzjonijiet imposti fuqhom fit-"tieni sensiela" ta' proċeduri amministrattivi.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU 2004, L 142, p. 12).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, l-Istati Membri għandhom jaħtru waħda jew iktar awtoritajiet għas-superviżjoni tal-offerti għall-finijiet tar-regoli li huma jagħmlu jew jintroduċu skont dik id-direttiva. Skont l-Artikolu 4(5) tagħha:

"L-awtoritajiet superviżorji għandu jkollhom il-poteri kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom, inkluż dak li jassiguraw li l-partijiet ta' l-offerta jikkonformaw mar-regoli magħmula jew introdotti skond din id-Direttiva."

4. L-Artikolu 5(1) ta' dik id-direttiva jistabbilixxi l-obbligu li ssir offerta ta' xiri. Dak l-obbligu jqum kull meta "persuna naturali jew legali, bħala riżultat ta' l-akkwist tagħha jew ta' l-akkwist tal-persuni li qed jaħdmu magħha, iżżomm sigurtajiet tal-kumpannija kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) li, b'żieda ma' l-assi eżistenti ta' dawk is-sigurtajiet tagħha u l-assi ta' dawk is-sigurtajiet tal-persuni li qed jaħdmu magħha, b'mod dirett jew indirett, jagħtuha l-persentaġġ speċifiku tad-drittijiet tal-vot f'dik il-kumpannija, li jagħtuha l-kontroll ta' dik il-kumpannija […]".

5. Permezz tal-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, intitolat "sanzjonijiet":

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sanzjonijiet li jiġu imposti għall-ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex jaċċertaw li dawn jidħlu fis-seħħ. Is-sanzjonijiet provduti b'dan il-mod għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u tat-tip li jipperswadu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri mhux aktar tard mid-data stabbilita fl-Artikolu 21(1) u b'kwalunkwe bidliet relatati li jsiru wara mill-aktar fis possibli."

B. Id-dritt Awstrijaku

6. L-Allgemeines Verwaltungsverfahrensgesetz 1991 (il-Liġi Ġenerali tal-1991 dwar Proċeduri Amministrattivi) (iktar 'il quddiem il-"LĠPA") tirregola il-proċeduri tal-awtoritajiet amministrattiva fl-Awstrija. L-Artikolu 24 tal-Verwaltungsstrafgesetz 1991 (il-Liġi tal-1991 dwar Penali Amministrattivi) jgħid li, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor, il-LĠPA għandha tapplika wkoll fi proċeduri ta' penali amministrattivi.

7. Il-Bundesgesetz betreffend Übernahmeangebote (il-Liġi Federali dwar l-Offerti ta' Xiri), BGBl. (il-Gazzetta tad-Dritt Federali) I Nru 127/1998 (iktar 'il quddiem l-"ÜbG") tirregola l-aspetti sostantivi u proċedurali għall-akkwisti pubbliċi ta' ishma u sigurtajiet oħra ta' kumpanniji li huma elenkati.

8. L-Artikolu 1(6) tal-ÜbG jiddefinixxi t-terminu "aġir flimkien". Skont l-Artikolu 23(1), fejn partijiet jinsabu li qegħdin "jaġixxu flimkien", l-ishma jew sigurtajiet miżmuma reċiprokament f'kumpannija li tirċievi l-offerta huma aggregati meta jiġu applikati l-Artikoli 22 sa 22b tal-ÜbG.

9. L-Artikolu 22 tal-ÜbG jirrigwarda l-obbligu li ssir offerta ta' xiri. Dak l-obbligu huwa r-responsabbiltà ta' "kwalunkwe bniedem li direttament jew indirettament jottjeni interess ta' kontroll f'kumpannija li tirċievi l-offerta" fi żmien 20 jum ta' xogħol tas-suq tal-ishma. L-Artikolu 22a tiegħu jestendi dak l-obbligu tal-offerta ta' xiri wkoll għall-partijiet li jaġixxu flimkien meta jakkwistaw "interess ta' kontroll".

10. L-Artikolu 30(2) tal-ÜbG jgħid li l-LĠPA tapplika għall-proċeduri mibdija mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi.

III. Fatti, proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

11. Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi ħarġet deċiżjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni preliminari") kontra Adler Real Estate AG (iktar 'il quddiem "Adler"), Mountain Peak Trading LLP (iktar 'il quddiem "Mountain Peak"), Westgrund AG (iktar 'il quddiem "Westgrund"), Petrus Advisers LLP (iktar 'il quddiem "Petrus") u GM (persuna fiżika). Dik id-deċiżjoni kienet mogħtija fil-kuntest ta' proċediment li jikkonċerna l-akkwist ta' "holdings importanti" ta' ishma bi drittijiet tal-vot ta' 31.36% f'Conwert Immobilien SE (iktar 'il quddiem "Conwert"), u l-falliment relatat li jiġi ssodisfatt l-obbligu li tiġi sottomessa offerta ta' xiri pubblika obbligatorja.

12. Fil-proċeduri preliminari, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi sabet li, fl-attribuzzjoni reċiproka tad-drittijiet tal-vot skont l-Artikolu 23(1) tal-ÜbG, interess ta' kontroll fis-sens tal-Artikolu 22 tal-ÜbG ġie akkwistat. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi kienet waslet f'dak il-limitu kkonstatat fuq il-bażi tal-kriterji għall-"entitajiet legali li jaġixxu flimkien" stabbilit fl-Artikolu 1(6) tal-ÜbG. Skont l-Artikolu 23(1) tal-ÜbG, dawk id-drittijiet tal-vot f'Conwert għalhekk kellhom ikunu attribwiti reċiprokament lil Adler, Mountain Peak, Westgrund, Petrus, u GM għall-ewwel darba fid-29 ta' Settembru 2015. Fil-prinċipju, skont il-punt 1 tal-Artikolu 22a tal-ÜbG, dak l-akkwist ta' "holdings importanti" minn "persuni jaġixxu flimkien" kellu jwassal għal offerta ta' xiri obbligatorja għal Conwert f'perijodu ta' 20 jum ta' xogħol tas-suq tal-ishma.

13. Bid-deċiżjoni tal-1 ta' Marzu 2017, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) ċaħdet kontestazzjoni kontra d-deċiżjoni preliminari. Id-deċiżjoni preliminari saret definittiva.

14. Sussegwentement, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi bdiet proċedimenti ta' penali amministrattivi kontra, *inter alia*, GM, HL and FN (kollha persuni fiżiċi). Ir-responsabbiltà ta' HL u FN ħarġet mill-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-bord ta' Adler u direttur ta' Petrus, rispettivament, fiż-żmien tar-reat allegat.

15. Fid-29 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi ħarġet id-deċiżjoni kontra GM (bħala persuna fiżika), HL (fil-kapaċità ta' membru tal-bord ta' Adler) u FN (fil-kapaċità ta' direttur ta' Petrus) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Penali Amministrattiva"). Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi imponiet penali amministrattivi fuq GM, HL u FN u qalet li l-kumpanniji rispettivi rappreżentati minn HL u FN kienu kompliċi.

16. Fil-wasla għal dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi bbażat il-konklużjonijiet fattwali tagħha fuq id-deċiżjoni preliminari, b'mod partikolari fir-rigward għas-sejba prinċipali li, fuq il-bażi ta' ftehim li sar fid-29 ta' Settembru 2015, il-partijiet ikkonċernati "aġixxew flimkien" fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 22a tal-ÜbG. Bin-nuqqas li

jipprovdu l-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi b'offerta ta' xiri obbligatorja fiż-żmien il-perijodu statutorju ta' 20 jum ta' xogħol tas-suq tal-ishma, GM, HL u FN ikunu ħatja ta' ksur tal-Artikolu 22a(1) tal-ÜbG, flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi imponiet multi fuq GM, HL u FN u għamlet Adler u Petrus kompliċi għal multi imposti fuq HL u FN.

17. Appelli ġew miġjuba kontra d-Deċiżjoni ta' Penali Amministrattiva quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju. Dik il-qorti tosserva li, taħt id-dritt Awstrijak relatat ma' proċedimenti amministrattivi, deċiżjoni finali preliminari ta' awtorità amministrattiva torbot (l-istess, kif ukoll oħrajn) awtoritajiet amministrattivi u qrati li għandhom jiddeċiedu dwar l-istess sitwazzjoni fattwali u legali bħal dik deċiża mid-deċiżjoni preliminari preċedenti. Il-prerekwiżit għal tali effetti vinkolanti għandhom jiġu osservati wkoll mill-qrati amministrattivi, suġġetti għal darba oħra għall-identità tal-partijiet fiż-żewġ proċeduri.

18. Fir-rigward ta' GM, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li hemm l-identità tal-partijiet għall-finijiet tal-proċedimenti li huma l-bażi tad-deċiżjonijiet preliminari u ta' penali amministrattivi. Fir-rigward ta' GM, tikkunsidra wkoll ir-rekwiżiti kollha għall-effetti vinkolanti tad-deċiżjoni preliminari li jridu jiġu ssodisfatti skont id-dritt nazzjonali.

19. Sa fejn jikkonċerna HL u FN, il-qorti tar-rinviju tiddubita jekk l-identità tal-partijiet bejn il-proċedimenti preliminari u ta' penali amministrattivi kienet preżenti. Hija tosserva li HL u FN ma kinux preżenti bħala "partijiet" waqt il-proċedura preliminari iżda sempliċement aġixxew bħala rappreżentanti tal-kumpanniji Adler (għal liema HL aġixxa bħala membru tal-bord) u Petrus (għal liema FN aġixxa bħala direttur). Tali stat ta' "parti" għal HL u FN (bħala persuni fiżiċi) kien preżenti biss waqt il-proċedimenti tal-penali amministrattivi. Madankollu, waqt il-proċedimenti ta' penali amministrattivi, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi sabet l-eżistenza ta' "effetti vinkolanti estiżi" ("*erweiterte Bindungswirkung*") ħerġin mid-deċiżjoni preliminari anki għal HL u FN (bħala persuni fiżiċi).

20. Huwa f'dan il-kuntest fattwali u legali li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tirreferi s-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) L-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu interpretazzjoni li permezz tagħha deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE, li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna, ma jkollha ebda natura vinkolanti fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra din l-istess persuna, b'mod li din tal-aħħar tkun tista' mill-ġdid tinvoka l-motivi u l-provi kollha sabiex tikkontesta, fil-fatt u fid-dritt, il-ksur diġà kkonstatat preċedentement minn din id-deċiżjoni definittiva?

(2) L-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu interpretazzjoni li permezz tagħha deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE, li tikkonstata ksur taddispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna

ġuridika, ma jkollha ebda natura vinkolanti fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra l-korp awtorizzat li jirrappreżenta din il-persuna ġuridika, b'mod li l-imsemmija persuna (il-korp) tkun tista' mill-ġdid tinvoka l-motivi u l-provi kollha sabiex tikkontesta, fil-fatt u fid-dritt, il-ksur diġà kkonstatat preċedentement minn din id-deċiżjoni definittiva?

(3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li prattika nazzjonali li tipprovdi li n-natura vinkolanti hija rrikonoxxuta lil deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tkun tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontriha, b'mod li hija ma tistax tikkontesta, fil-fatt jew fid-dritt, il-ksur ikkonstatat preċedentement b'mod definittiv?

(4) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li prattika nazzjonali li tipprovdi li nnatura vinkolanti hija rrikonoxxuta lil deċiżjoni definittiva tal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponu din id-direttiva mwettaq minn persuna ġuridika, fil-kuntest ta' proċedura ta' sanzjoni amministrattiva li tmexxiet sussegwentement minn din l-awtorità superviżorja kontra l-korp rappreżentattiv ta' din il-persuna ġuridika, b'mod li hija (il-korp) ma tistax tikkontesta, fil-fatt jew fid-dritt, il-ksur ikkonstatat preċedentement b'mod definittiv?"

21. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi minn Alder, HL, GM, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea. B'eċċezzjoni tal-Kummissjoni, dawk il-partijiet wieġbu wkoll għal mistoqsijiet magħmula lilhom mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

22. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Ser nibda billi nistabbilixxi l-fehma tiegħi tad-dritt nazzjonali u, fuq dik il-bażi, nissuġġerixxi simplifikazzjoni tad-domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju (A). Jien imbagħad ser nistabbilixxi l-kejl applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni (B), qabel ma ndur għall-kawża preżenti (C).

A. L-isfond (leġiżlattiv nazzjonali) u d-domandi mressqa

23. Mill-ewwel dehra, l-erba' domandi fformulati mill-qorti tar-rinviju, meqjusa fil-kuntest tan-nisġa kumplessa ta' regoli u proċeduri nazzjonali, jidhru verament pjuttost ikkumplikati. Barra minn hekk, dawk id-domandi jidhru għalkemm wiesgħa, imissu b'mod ġenerali fuq: l-effettività tad-dritt tal-Unjoni; l-istat jew effett vinkolanti tad-deċiżjonijiet amministrattivi finali, potenzjalment flimkien mad-dmir li jiġu eżaminati mill-ġdid dawk id-deċiżjonijiet finali; u drittijiet fundamentali fi proċeduri li jimponu sanzjonijiet kriminali.

24. Fil-fehma tiegħi, dan il-każ jista' jiġi meqjus b'mod iktar limitat. Gwida utli tista' forsi tiġi pprovduta lill-qorti tar-rinviju mingħajr ma jiġu involuti l-kumplessitajiet kollha tad-dritt nazzjonali, stabbiliti f'kemxejn dettall mill-qorti tar-rinviju, kif ukoll l-elementi tal-ġurisprudenza nazzjonali kunfliġġenti. Kemm kieku jkunu intriganti tali diskussjonijiet, jien ma iniex ċert li huma

fil-fatt neċessarji fil-kuntest ta' dan il-każ. Minflok, nippreferi niffoka fuq il-problema prattika li qiegħda titfaċċa, b'mod partikolari mill-perspettiva tad-drittijiet tad-difiża u aċċess għal qorti, għall-individwi li qegħdin jiġu suġġetti għal tali proċeduri.

25. Sabiex jista' jsir dan, hemm tliet elementi li għandhom jiġu diskussi fil-bidu. L-ewwel, x'inhi eżattament il-kwistjoni skont id-dritt nazzjonali? It-tieni, kif jinteraġġixxu l-Karta u l-Artikolu 47 tagħha mad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri u joqogħdu fl-istampa ta' dan il-każ? It-tielet, dawn iż-żewġ punti jwassluni li nirriforma u nissimplifika d-domandi mqajma mill-qorti tar-rinviju, nittamaw mingħajr ma tintilef il-problema.

26. L-ewwel, għall-finijiet ta' dan il-każ, huwa kruċjali li jinftiehmu żewġ elementi tad-dritt nazzjonali amministrattiv: min-naħa waħda, ir-regoli proċedurali dwar kif il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tmexxi l-proċeduri amministrattivi għall-allegat ksur tar-regoli dwar offerti ta' xiri obbligatorji; u, min-naħa l-oħra, ir-regoli nazzjonali proċedurali li jagħtu effett vinkolanti fuq deċiżjonijiet amministrattivi li saru definittivi.

27. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi għandha s-setgħa li tibda investigazzjoni *inter alia* fuq jekk detentur ta' sigurtajiet naqas milli jagħmel offerta ta' xiri obbligatorja, fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 22(1) tal-ÜbG, meta sar l-akkwist ta' "holdings importanti" ġewwa kumpannija li tirċievi l-offerta. Hija tista' tagħmel hekk meta grupp ta' partijiet ikun qiegħed "jaġixxi flimkien" biex jakkwista tali assi [3].

28. Madankollu, il-proċedura hija maqsuma f'determinazzjonijiet ta' elementi *oġġettivi* u *suġġettivi* tan-nuqqas li jsir offerta ta' xiri obbligatorja [4]. Kif jispjegaw il-partijiet, dawk iż-żewġ determinazzjonijiet huma magħmula separatament, bid-determinazzjoni *oġġettiva* dwar jekk parti naqset milli tissottometti offerta ta' xiri obbligatorja li qiegħda tiġi kkunsidrata fi proċedura preliminari u deċiża bħala deċiżjoni preliminari. Madankollu il-proċedura preliminari ma tistabbilixxix il-kwistjoni ta' responsabbiltà kriminali. Dik ir-responsabbiltà hija ttrattata minn determinazzjoni sussegwenti li tistabbilixxi l-elementi *suġġettivi* għall-eżistenza ta' responsabbiltà amministrattiva, li tidher li tammonta għal sanzjoni ta' natura kriminali.

29. Ir-*reviżjoni ġudizzjarja* potenzjali ta' kull wieħed minn dawk id-determinazzjonijiet issegwi triq differenti. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tispjega li l-proċeduri penali preliminari u amministrattivi huma suġġetti għal istanzi differenti ta' appell. Il-proċedura *preliminari* tista' tiġi appellata lill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija). Madankollu, ingħad li r-reviżjoni tal-Qorti Suprema f'tali każijiet hija limitata għal kwistjonijiet ta' dritt biss. Kwistjonijiet ta' fatt ma jistgħux jiġu riveduti minnha. B'kuntrast, il-proċediment penali amministrattiv jista' jiġi kkontestat quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija). Il-Qorti Amministrattiva Federali għandha "ġurisdizzjoni sħiħa" biex jirrevedu d-deċiżjoni li tirriżulta mill-proċediment penali amministrattiv fid-dritt u fil-fatt. Madankollu, dik il-ġurisdizzjoni tidher li hija suġġetta għan-natura vinkolanti ta' deċiżjoni preċedenti mittieħda mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi jew awtorità jew qorti oħra, li saret definittiva.

30. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tisħaq li, fir-rigward iż-żewġ istanzi ta' appell, hija taġixxi bħala "qorti tal-ewwel istanza". Għaldaqstant, kemm għal proċedimenti penali preliminari kif ukoll amministrattivi, hemm mill-inqas żewġ istanzi ta' appell.

[3] Punt 1 tal-Artikolu 22a tal-ÜbG.

[4] Skont l-Artikolu 33 u 35 tal-ÜbG.

31. Il-qorti tar-rinviju tispjega li darba deċiżjoni amministrattiva mittieħda mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi ssir finali, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi nnifisha, kif ukoll awtoritajiet amministrattivi oħra, huma marbuta b'dik id-deċiżjoni preċedenti. Barra minn hekk, l-istess effetti huma mbagħad maħluqa għall-Qorti Amministrattiva Federali wkoll, jekk dik il-qorti tiġi mitluba tiddeċiedi fuq l-istess sitwazzjoni fattwali u legali bħal dik li kienet quddiem il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi. Għalhekk, l-istruttura ta' "żewġ sensiliet" tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi jfissru li, fil-prattika, il-proċediment ta' penali amministrattiv sussegwenti dwar l-elementi (suġġettivi) tan-nuqqas li tiġi sottomessa offerta ta' xiri huwa marbut mill-forza vinkolanti tad-determinazzjonijiet (objettivi) preċedenti tal-proċediment preliminari, ladarba deċiżjoni fuq dak il-proċediment issir definittiva.

32. Fil-qosor, dan huwa fejn nifhem li qiegħda l-problema prattika. Dak li jkun ġie deċiż fl-"ewwel" proċedura preliminari jorbot il-proċeduri kollha sussegwenti, kemm amministrattivi kif ukoll ġudizzjarji. Barra minn hekk, jew aħjar fuq kollox, dak l-"effett vinkolanti" ma huwiex biss prodott fost proċeduri fir-rigward tal-istess partijiet (identità tal-partijiet fost proċeduri)[5]. Huwa wkoll, pjuttost b'mod kruċjali, prodott fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn tali "identità" tidher għall-inqas dibattibbli (pereżempju, meta individwi jkunu qegħdin jiġu ssanzjonati fit-"tieni" sensiela fil-kapaċità personali tagħhom filwaqt, fl-"ewwel" sensiela, kienet biss il-kumpannija tagħhom li pparteċipat formalment fil-proċedura prinċipali).

33. It-tieni, fl-isfond ta' tali sistema, il-qorti tar-rinviju tressaq erba' domandi. L-*ewwel* u t-*tieni* domanda jersqu lejn il-kompatibbiltà tar-regoli proċedurali nazzjonali Awstrijaċi dwar il-finalità tad-deċiżjonijiet amministrattivi mill-perspettiva tal-ippreżervar tal-effetti sostantivi tal-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri. Iż-żewġ domandi huma differenti dwar il-kwistjoni tal-identità tal-partijiet, jew tan-nuqqas tagħhom, fost il-proċedimenti.

34. L-Artikolu 4 u 17 tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri jittrattaw mal-ħatra u s-setgħat ta' awtorità superviżorja u l-ħruġ ta' sanzjonijiet għall-ksur ta' miżuri nazzjonali adottati skont dik id-direttiva. Madankollu, ma huwiex ovvju, u l-qorti tar-rinviju ma tispjegax, kif dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jipprovdu kwalunkwe gwida dwar il-kwistjonijiet speċifiċi mqajma f'dawn il-proċeduri.

35. It-*tielet* u r-*raba'* domanda jersqu lejn l-istess kwistjoni mill-perspettiva tal-Karta. Essenzjalment, huma jistaqsu jekk l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludix ir-regoli proċedurali nazzjonali li jikkunsidraw deċiżjoni ta' awtorità amminsitrattiva dwar ksur ta' regoli nazzjonali fuq offerti ta' xiri, li saret finali, li torbot l-istess awtorità amministrattiva fi proċedura kriminali (amministrattiva) wara. It-tielet domanda tfittex gwida fuq dik il-kompatibbiltà mill-perspettiva li l-identità ta' parti bejn iż-żewġ proċeduri mwettqa mill-istess awtorità amministrattiva teżistix. Ir-raba' domanda tagħmel l-istess mistoqsija mill-perspettiva li hemm nuqqas ta' identità tal-parti.

36. Moqrija flimkien, l-erba' domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju jidhru li jikkuntrastaw l-għotja ta' "effettività sħiħa" lid-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri mal-aderenza tad-drittijiet proċedurali protetti, *inter alia*, mill-Karta. Il-qorti tar-rinviju tidher li qiegħda tissuġġerixxi li teżisti ċerta tensjoni bejn dawk iż-żewġ għanijiet. Fil-fatt, is-suppożizzjoni silenzjuża tidher li hija li jista' jkun hemm l-effettività tas-sanzjonijiet, jew protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, iżda mhux it-tnejn. Jista' jkun hemm suppożizzjoni silenzjuża oħra, jiġifieri li jekk sanzjoni għandha tkun "effettiva", hija ma għandhiex tiġi ddisturbata wisq mid-drittijiet tal-partijiet.

[5] Kif il-qorti tar-rinviju nnutat li tkun normalment il-kundizzjoni skont id-dritt nazzjonali – ara iktar 'il fuq, punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37. Ma naħsibx li din kienet suppożizzjoni tal-bidu tajba.

38. Minflok, ma huwiex ikkontestat li r-regoli tal-Awstrija dwar is-superviżjoni ta' offerti ta' xiri, kif *inter alia* jinsabu fil-ÜbG, jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, u għalhekk id-dritt tal-Unjoni, għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Kwalunkwe proċediment nazzjonali mwettaq skont il-qafas tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri għandu għalhekk ikun kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta u kwalunkwe drittijiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni.

39. Għalhekk, il-kwistjoni reali, fil-fehma tiegħi, ma hijiex li wieħed għandu jagħżel bejn "effettività sħiħa" u "drittijiet fundamentali". Pjuttost, il-kwistjoni ġenwina hija jekk ir-regoli proċedurali tal-Awstrija, kif applikati u evidenzjati minn din il-kawża, huma kompatibbli mal-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta u d-drittijiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni.

40. It-tielet, f'dan id-dawl, l-erba' domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju jsiru tnejn, jew pjuttost waħda, b'żewġ mistoqsijiet sekondarji. Għalhekk, id-domandi preliminari jistgħu essenzjalment jiġu fformulati mill-ġdid biex jistaqsu jekk l-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali, kif evidenzjati minn din il-kawża, hijiex kompatibbli mal-Artikoli 4 u 17 tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, jekk moqrija fid-dawl tal-prinċipju tar-rispett għad-drittijiet tad-difiża u/jew l-Artikolu 47 tal-Karta. Dik id-domanda komprensiva għanda żewġ mistoqsijiet sekondarji oħra: xenarju fejn identità ta' parti fost il-proċeduri hija preżenti (domandi 1 u 3) u fejn tali identità hija nieqsa (domandi 2 u 4).

41. Dawk id-domandi huma magħmula b'iffukar partikolari fuq il-proċediment penali amministrattiv. Madankollu, kif isir ċar, dak il-proċediment ma huwiex l-oriġini tal-problema. Dik il-problema tibda "upstream" bil-protezzjoni ta' tali drittijiet waqt il-proċediment preliminari mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi u r-reviżjoni limitata tas-sejbiet li jirriżultaw quddiem il-Qorti Suprema, b'dawk il-kwistjonijiet imbagħad meħuda "downstream" fil-proċeduri sussegwenti (amministrattivi) kriminali (u potenzjalment iktar).

42. Minħabba l-importanza ta' proċediment preliminari, jien għalhekk ser nibda bid-domandi 2 u 4 u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet li ma pparteċipawx fil-proċediment preliminari u (għalhekk) ma setgħux jikkontestaw il-konklużjonijiet magħmula fid-deċiżjoni preliminari (C.1). Wara dan biss ser nerġa' ndur għad-domandi 1 u 3 u s-sitwazzjoni tal-identità tal-parti bejn proċeduri, minkejja fil-qosor biss (C.2). Qabel ma nagħmel dan, madankollu, ser niddeskrivi d-drittijiet fundamentali standard applikabbli għaż-żewġ settijiet ta' domandi (B).

B. Ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni

1. Proċedimenti amministrattivi u d-drittijiet tad-difiża

43. Rispett għad-drittijiet tad-difiża huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li japplika meta awtorità hija intenzjonata li tadotta miżura li tkun ser taffettwa ħażin individwu[6]. F'dawk iċ-ċirkustanzi, id-destinatarju ta' dik id-deċiżjoni għandu jitpoġġa f'pożizzjoni biex jinstema u

[6] Ara sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2013, Sabou (C-276/12, EU:C:2013:678, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 84); u tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu jew tagħha *qabel* tittieħed dik id-deċiżjoni[7]. Dawk id-drittijiet huma indispensabbli fil-proċedimenti kollha li jwasslu għal deċiżjoni negattiva għall-parti kkonċernata, kemm jekk ta' natura ċivili, kriminali, amministrattiva jew ta' natura oħra[8].

44. Huwa kruċjali, li r-rispett għad-drittijiet suġġettivi tad-difiża ta' parti għandhom jiġu ssalvagwardjati *mill-awtoritajiet amministrattivi* meta jwettqu l-proċedimenti tagħhom[9]. Dawk id-drittijiet għandhom ikunu disponibbli fil-punt taż-żmien li fih jiġu implikati[10]. B'dan il-mod biss jista' jiġi żgurat li l-awtorità kkonċernata tieħu l-informazzjoni rilevanti kollha inkunsiderazzjoni, u li l-persuna affettwata titħalla tikkoreġi kwalunkwe żbalji u targumenta kontra l-adozzjoni ta' deċiżjoni kuntrarja[11].

2. Proċeduri ġudizzjarji u l-Artikolu 47 tal-Karta

45. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi għad-dritt ta' rimedju effettiv quddiem qorti. Il-komponenti ewlenin ta' dak id-dritt huma l-prinċipju tal-opportunitajiet ugwali għall-partijiet, inkluż il-prinċipju ta' *audi alteram partem*,[12] u l-prinċipju ta' ugwaljanza proċedurali[13]. Bl-impożizzjoni tal-obbligu li kull parti tiġi pprovduta b'opportunità raġonevoli li tippreżenta l-każ tagħha f'kundizzjonijiet li ma jqiegħdux waħda mill-partijiet f'pożizzjoni b'mod ċar inqas vantaġġuża mill-oħra[14], l-Artikolu 47 tal-Karta jikkonċerna wkoll bil-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża[15].

46. Huwa minnu li l-varjetà sħiħa ta' garanziji li joħorġu mill-Artikolu 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem "KEDB"), li għalihom jikkorrispondu l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, iqumu biss fi proċeduri li jistgħu jwasslu għal penali li hija ta' natura "kriminali"[16]. Madankollu, huwa wkoll ċar mill-formulazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta li dik

7 Sentenzi tad-19 ta' Frar 2009, Kamino International Logistics (C-376/07, EU:C:2009:105, punti 42 sa 43); tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 47); u tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 41).

8 Sentenzi tal-14 ta' Settembru 2010, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni u Oħrajn vs Versalis *et* (C-93/13 u C-123/13 P, EU:C:2015:150, punt 94 u l-ġurispudenza ċċitata); u tas-6 ta' Ottubru 2020, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (C-134/19 P, EU:C:2020:793, punt 56).

9 Ara s-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, Texdata Software (C-418/11, EU:C:2013:588, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-17 ta' Marzu 2016, Bensada Benallal (C-161/15, EU:C:2016:175, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2012, M. (C-277/11, EU:C:2012:744, punt 90); tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punti 47 sa 49); u tat-2 ta' Frar 2021, Consob (C-481/19, EU:C:2021:84, punti 42 u 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran (C-27/09 P, EU:C:2011:853, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 47); u tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 41).

12 Sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, Ir-Renju tal-Isvezja u Oħrajn vs API u Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 Sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Toma and Biroul Executorului Judecătoresc Horațiu-Vasile Cruduleci (C-205/15, EU:C:2016:499, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, *Sánchez Morcillo and Abril García* (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 49).

15 Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 67), u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Ara, f'dak is-sens is-sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob (C-481/19, EU:C:2021:84, punti 42 u 43). Ara wkoll il-Qorti EDB, 10 ta' Diċembru 2020, Edizioni del Roma Societa Cooperativa A.R.L. *et* Edizioni del Roma S.R.L. vs L-Italja (ECLI:CE:ECHR:2020:1210JUD006895413, § 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għal proċeduri li jwasslu għall-impożizzjoni ta' penali "kriminali" biss. Fil-fatt, dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi nukleu ta' drittijiet li għandhom jiġu protetti fil-proċeduri ġudizzjarji kollha [17].

47. Reviżjoni dwar jekk it-tali nukleu ta' drittijiet ġie osservat għandha tkun disponibbli, kemm fid-dritt u fil-fatt, minn "qorti" fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 47 tal-Karta [18]. Għal finijiet tal-ġurisprudenza, tali korp għandu jkun stabbilit bil-liġi; ikun permanenti; ikollu ġurisdizzjoni obbligatorja; ikollu proċedura li hija *inter partes*; japplika r-regoli tal-liġi; u jkun indipendenti (internament u esternament) [19].

48. B'mod awtomatiku, sabiex tkun effettiva r-reviżjoni ġudizzjarja skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dik ir-reviżjoni teħtieġ *ġurisdizzjoni sħiħa* mill-inqas *f'istanza waħda* [20]. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni minn tali "qorti" jista' jkun limitat, pereżempju, għal mistoqsijiet ta' liġi biss [21]. Madankollu, f'dak il-każ, l-awtorità amministrattiva kompetenti li trendi d-deċiżjoni inkwistjoni *nnifisha* għandha tissodisfa il-kriterji kollha ta' "qorti" għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta [22]. Għalhekk, b'mod jew ieħor, għandu jkun hemm mill-inqas istanza waħda kompletament indipendenti, li tikkwalifika bħala "qorti" għall-finijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u li jkun intitolat li jevalwa l-każ b'ġurisdizzjoni sħiħa, jiġifieri bl-inolviment tal-elementi tad-dritt kif ukoll dawk tal-elementi tal-fatti.

C. Il-każ preżenti

1. Partijiet differenti fi proċedimenti amministrattivi sussegwenti

49. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, waqt il-proċedimenti preliminari, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi wettqet eżami dwar jekk il-kondotta tal-partijiet tal-proċedimenti jistgħu (oġġettivament) jitqiesu bħala li "aġixxew flimkien" biex jakkwistaw "holdings importanti" f'Conwert u jekk dak kellux jiskatta obbligu li ssir offerta ta' xiri obbligatorja. Fil-proċedimenti (amministrattivi kriminali) sussegwenti, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi mbagħad kkunsidrat lilha nnifisha marbuta minn dawk il-konklużjonijiet (oġġettivi) sabiex tiddetermina l-elementi suġġettivi tan-nuqqas li ssir offerta ta' xiri obbligatorja. Hija kkunsidrat li dawk l-effetti vinkolanti jqumu minkejja l-fatt li l-proċedimenti preliminari u amministrattivi kriminali ma kkonċernawx l-istess parteċipanti.

[17] Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2020, Centraal Israëlitisch Consistorie van België u Oħrajn (C-336/19, EU:C:2020:1031, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata),u tat-2 ta' Frar 2021, *Consob* (C-481/19, EU:C:2021:84, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[18] Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kumissjoni (C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punti 43 sa 46). Ara wkoll il-Qorti EDB, 10 ta' Diċembru 2020, Edizioni del Roma Societa Cooperativa A.R.L. *et* Edizioni del Roma S.R.L. vs L-Italja (ECLI:CE:ECHR:2020:1210JUD006895413, § 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punti 38 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, fir-rigward l-aspett "intern" tal-indipendenza, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, *A.K. (Independence of the Disciplinary Chamber of the Supreme Court)* (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 122).

[20] Sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 49), u tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punti 54 sa 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[21] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punti 61). Ara wkoll il-Qorti EDB, 18 ta' Jannar 2000, Pesti u Frodl vs L-Awstrija (ECLI:CE:ECHR:2000:0118DEC002761895, § 4 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-22 ta' Novembru 1985, Bryan vs Ir-Renju Unit (ECLI:CE:ECHR:1995:1122JUD001917891, §47).

[22] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punti 61 u 62). Ara wkoll, il-Qorti EDB, 27 ta' Ottubru 2009, Crompton vs Ir-Renju Unit (ECLI:CE:ECHR:2009:1027JUD004250905, §§ 70 sa 73).

50. Fil-fehma tiegħi, dan b'mod ċar iqajjem kwistjonijiet taħt id-dritt tal-Unjoni, fiż-żewġ dimensjonijiet deskritti issa: mill-perspettiva tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ikkonċernati (a) u n-nuqqas ta' possibbiltà għal reviżjoni minn qorti b'"ġurisdizzjoni sħiħa" (b).

a) L-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża

51. HL jispjega li, waqt il-proċedura preliminari, hu ma setax jeżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu minħabba li hu ma kienx meqjus bħala "parti" mill-proċedura ("*Parteistellung*"). Minflok, HL kien sempliċement meqjus bħala "parteċipant" ("*Beteiligter*") għall-finijiet tal-proċediment preliminari. Skont id-dritt Awstrijak, dawk l-istatus mid-dehra għandhom drittijiet u garanziji proċedurali differenti. Pereżempju, HL jispjega li hu ma kienx infurmat dwar il-proċediment preliminari; hu ma setax jispezzjona l-proċess; jew jeżerċita d-dritt tiegħu li ma jitkellimx; jew jappella id-deċiżjoni preliminari. Kien biss meta kienu bdew il-proċedimenti penali amministrattivi li HL allegatament seta' jeżerċita dawk id-drittijiet, iżda biss fit-tieni sensiela ta' proċedimenti. F'dak il-punt fiż-żmien, madankollu, id-deċiżjoni preliminari, li sa dak iż-żmien kienet saret definittiva, kienet diġà rabtet il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi fir-rigward id-determinazzjoni oġġettiva tal-partijiet li "aġixxew flimkien". Għalhekk, HL kien, mill-bidu, attribwit oġġettivament l-azzjonijiet ta' Adler minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala membru tal-bord ta' dik il-kumpannija, mingħajr ma seta' jeżerċita id-drittijiet (tiegħu u personali) tad-difiża.

52. Fit-tweġiba għal mistoqsija mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi argumentat li HL kien seta' jipparteċipa fil-proċediment preliminari; kellu d-dritt li ma jgħid xejn skont l-Artikolu 51 tal-LĠPA; u kellu d-dritt li jiddefendi lilu nnifsu waqt dawk il-proċedimenti. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tinnota wkoll li HL kien, fil-fatt, "personalment" mistieden għas-smigħ orali tal-proċediment preliminari, kien preżenti u pparteċipa fih. Dak kien jimplika li HL kien seta' jeżerċita wħud mid-drittijiet proċedurali suġġettivi tiegħu.

53. Jibqa' għall-qorti tar-rinviju biex tiddetermina iċ-ċirkustanzi fattwali ta' dan il-każ, kif ukoll l-interpretazzjoni eżistenti tad-dritt nazzjonali, li jidher għalkemm ikkontestat.

54. Mill-proċess, nifhem li, waqt il-proċediment preliminari, HL ipparteċipa fil-kapaċità tiegħu ta' *membru tal-bord* għal Adler, li jaġixxi għal u f'isem dik il-kumpannija, iżda mhux fil-kapaċità tiegħu personali. Fil-fatt, jidher li ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-responsabbiltà personali tiegħu kienet investigata oġġettivament mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi fil-proċediment preliminari. Kien l-involviment tal-kumpannija li kienet ġiet investigata. L-involviment *personali* ta' HL jidher li tqajjem biss waqt il-proċediment penali amministrattiv.

55. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi, madankollu, tidher li qiegħda targumenta li, minkejja d-differenza tal-partijiet bejn iż-żewġ proċedimenti, HL seta' eżerċita d-drittijiet *personali* tiegħu ta' difiża waqt il-proċediment preliminari permezz ta' Adler, meta rrappreżenta l-entità legali tal-aħħar fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-bord peress li ż-żewġ partijiet kellhom l-istess interessi ("*Interessengleichlauf*").

56. Jien ma naqbilx ma' dik il-loġika għal (mill-inqas) żewġ raġunijiet.

57. L-ewwel, wieħed ma jistax jinjora l-potenzjal pjuttost qawwi li *kunflitt ta' interessi* u/jew ksur tad-drittijiet fiduċjarji li jistgħu jqumu għad-diretturi ta' kumpanniji li huma mqiegħda fil-pożizzjoni deskritta mill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi. Ċertament, huwa fil-maġġoranza korrett li wieħed jassumi li, sa fejn l-istampa kollha hija kkonċernata, kemm

il-kumpannija u d-direttur(i) tagħha jew membri oħra tal-korpi regolatorji jista' jkollhom l-istess interess fil-kumpannija tagħhom li ma tinstabx ħatja ta' ksur tar-regoli fuq offerti ta' xiri. Madankollu fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra li jistgħu jitqajmu matul il-perkors, jista' verament jiġi eskluż li direttur ta' kumpannija jew membru ta' bord ma huwiex ser isibu lilhom infushom f'pożizzjoni fejn hu jew hija jkollhom jagħżlu bejn l-aħjar interessi tal-kumpannija u l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha, partikolarment fil-kuntest ta' dak li jidher li huwa responsabbiltà personali amministrattiva sussegwenti għad-diretturi tal-kumpannija b'sanzjonijiet ta' natura kriminali jiġu imposti?

58. It-tieni, id-drittijiet tad-difiża huma ta' natura *suġġettiva*. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, dawk id-drittijiet ma jistgħux jiġu ttrasferiti għal persuna oħra, fiżika jew legali, u huma ċertament ma jistgħux jiġu eżerċitati f'isem persuna oħra [23]. Huma l-partijiet ikkonċernati nnifishom li għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw effettivament id-drittijiet tagħhom mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni, indipendentement min-natura tal-proċedimenti li għalihom huma suġġetti.

59. Għalhekk, mingħajr ma nixtieq ninstema' wisq formali, ma nistax inħaddan il-premessa li persuna fiżika li taġixxi għal u f'isem ta' kumpannija (u għalhekk normalment mifhuma bħala aġir *f'isem il-kumpannija*, rappreżentant statutorju ta' persuna legali), hija effettivament l-istess bħal dik il-persuna taġixxi fl-interess personali tiegħu jew tagħha u għan-nom tiegħu. Dan huwa *a fortiori* veru f'ċirkustanzi fejn, fil-kors ta' dawk il-proċeduri, l-interessi ta' żewġ persuni jistgħu jkunu differenti, jekk ma jkunux kunfliġġenti.

60. F'dan il-każ, jidher li HL, fil-kapaċità personali tiegħu, kien jista' biss jeżerċita d-drittijiet *tiegħu* tad-difiża waqt il-proċediment penali amministrattiv. Madankollu, f'dak il-punt, id-deċiżjoni preliminari kienet diġà saret definittiva. Għalhekk hija rabtet il-proċediment penali amministrattiv fir-rigward l-elementi "oġġettivi" tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist tal-Intrapriżi fil-possibbiltà ta' ksur tal-obbligu li ssir offerta ta' xiri obbligatorja. Dak kellu l-effett ta' preġudizzju dwar il-kondotta ta' HL mingħajr hu ma seta' jressaq il-fehmiet tiegħu *qabel* l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni [24].

b) Nuqqas ta' aċċess għal qorti b'"ġurisdizzjoni sħiħa"

61. GM, HL u Adler huma tal-fehma li, fiċ-ċirkustanzi preżenti, l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludi r-rikonoxximent tal-effett vinkolanti fuq id-deċiżjoni preliminari għall-finijiet tal-proċediment penali amministrattiv. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dawk il-partijiet jissottometti li, fid-dawl tar-reviżjoni ġuridika limitata disponibbli lill-Qorti Suprema, bir-rikonoxximent lejn l-effett vinkolanti tad-deċiżjoni preliminari, ladarba saret definittiva, fil-kuntest tal-proċediment penali amministrattiv sussegwenti u għall-proċedimenti tal-qrati quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) timmina d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ġuridika effettiva li toħroġ minn dik il-Karta.

62. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi topponi dawn il-fehmiet. Hija targumenta li l-garanziji proċedurali sottostanti kemm għall-proċeduri preliminari kif ukoll dawk penali amministrattivi huma tali li d-deċiżjonijiet li jirriżultaw huma meħuda minn "qorti" indipendenti u imparzjali fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 47 tal-Karta. Peress li l-Kummissjoni dwar l-Akkwist

[23] Ara, pereżempju, s-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2011, Evropaïki Dynamiki vs ECB (C-401/09 P, EU:C:2011:370, punt 49), u tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland (C-687/13, EU:C:2015:573, punt 73). Ara wkoll, iktar reċenti, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni (T-228/17, EU:T:2019:619, punt 36).

[24] Sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336, punti 46 u 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ta' Intrapriżi għalhekk, fiż-żewġ każijiet, tagħixxi bħala "qorti tal-ewwel istanza", tillimita r-reviżjoni standard tal-Qorti Suprema għal mistoqsijiet ta' dritt biss, hija kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta.

63. Il-loġika tar-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tirrikjedi evalwazzjoni b'żewġ partijiet [25]. L-ewwel, jekk il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi fil-fatt, bħalma tallega, tikkwalifika bħala "qorti" fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 47 tal-Karta (1). It-tieni, fejn dan ma huwiex il-każ, jekk id-deċiżjonijiet huma suġġetti għar-reviżjoni minn qorti b'"ġurisdizzjoni sħiħa" (2).

1) Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi huwa "qorti" fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta?

64. Waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi meħtieġa sabiex ikun hemm "qorti", fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, hija jekk l-awtorità kkonċernata hijiex "indipendenti" [26]. Hija taċċerta kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet fil-proċedimenti u l-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward is-suġġett tal-materja ta' dawk il-proċedimenti [27]. Fi kliem ieħor, il-korp ikkonċernat ma jistax jagixxi bħala parti fil-kawża tiegħu stess bi ksur tal-prinċipju ta' "*nemo judex in sua causa*" [28].

65. Mingħajr ma hemm bżonn li ngħaddu dak kollu li huwa meħtieġ biex jiġi ssodisfatt il-kriterju ta' "qorti", kif meħtieġ għall-Artikolu 47 tal-Karta, jidher li l-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi ma tissodisfax il-kriterju konness mal-"indipendenza".

66. Fit-tweġiba għal mistoqsija mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, GM jinnota li, skont l-Artikolu 29(1) tal-ÜbG, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-ÜbG, u għalhekk ingħatat setgħat *ex officio* estensivi, inkluż is-setgħa li tibda proċedimenti preliminari u penali amministrattivi. F'tali proċedimenti, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi nnifisha tiddeċiedi l-kamp ta' applikazzjoni u l-materja tas-suġġett tal-proċediment, u hija stess twettaq l-investigazzjoni għal dak il-proċedimenti. Suġġett għal konferma mill-qorti tar-rinviju, jidher mill-Artikolu 33(4) tal-ÜbG li, f'proċeduri mibdija wara talba rraġunata, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi żżomm il-kompetenza unika biex tiddeċiedi dwar jekk tkomplix proċediment, anki fejn tali talba tiġi rtirata iktar tard.

67. Għalhekk, fi ftit kliem, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tidher li għandha numru ta' "kpiepel" taħt id-dritt nazzjonali: l-investigatur, il-prosekutur, kif ukoll l-"imħallef". Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi topera internament fuq il-bażi ta' separazzjoni funzjonali soda bejn, min-naħa waħda, id-dipartimenti ta' dik l-awtorità responsabbli għall-investigazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, u min-naħa l-oħra, korp li jieħu deċiżjonijiet dwar ilmenti mressqa kontra deċiżjonijiet mittieħda minn dawk id-dipartimenti [29].

[25] Stabbilita iktar 'il fuq f'punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[26] Ara iktar 'il fuq, punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, RTL Belgium (C-517/09, EU:C:2010:821, punti 38 sa 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[28] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-Qorti EDB, 10 ta' Diċembru 2020, Edizioni del Roma Societa Cooperativa A.R.L. *et* Edizioni del Roma S.R.L. vs L-Italja (ECLI:CE:ECHR:2020:1210JUD006895413, § 64).

[29] Ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punti 72 sa 77).

68. Fil-fatt, jidher li, f'proċeduri ġudizzjarji sussegwenti relatati mal-kontestazzjonijiet għall-proċedimenti preliminari jew penali amministrattivi tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi, il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi taġixxi bħala l-konvenuta fil-kawża tagħha stess biex tiddefendi d-deċiżjonijiet tagħha quddiem il-qorti Awstrijaka kompetenti [30]. Hija għalhekk ma taġixxix bħala parti terza imparzjali bejn l-allegat ħati, min-naħa waħda, u l-awtorità amministrattiva responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità rigward l-offerti ta' xiri, min-naħa l-oħra.

69. Naturalment, dawk l-elementi kollha huma għall-qorti tar-rinviju biex tiddeċiedi dwarhom. Madankollu, fid-dawl tat-tweġibiet mogħtija lil din il-Qorti tal-Ġustizzja, u għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti preċedenti ta' dawn il-Konklużjonijiet, ma iniex konvint li l-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tissodisfa l-kriterji ta' "qorti" fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta. Nixtieq nenfasizza li tali konklużjoni tentattiva, għal darba oħra għall-qorti tar-rinviju biss biex tivverifika, bl-ebda mod ma tiddubita l-fatt li ċertu awtoritajiet nazzjonali amministrattivi ser ikunu mogħnija b'livell avvanzat ta' indipendenza, u jippossjedu l-ogħla livell ta' għarfien espert fl-oqsma ta' attività rispettivi tagħhom.

70. Madankollu, dak ma huwiex li jiddetermina qorti "indipendenti". Qorti indipendenti taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta hija kkaratterizzata mill-indipendenza totali tagħha, kemm "interna" kif ukoll "esterna". Huwa *terz* indipendenti fir-rigward taż-żewġ partijiet ikkonċernati. B'dik il-loġika, awli tat-teħid tad-deċiżjonijiet li huma parti minn awtorità amministrattiva, jew anki awli tal-appell li huma funzjonalment verament indipendenti li huma parti minn awtorità amministrattiva, xorta għandhom tendenza jaqgħu fuq in-naħa tal-amministrazzjoni pubblika u ma jkunux parti mill-ġudikatura [31].

71. Peress li jidher li l-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi ma hijiex "qorti" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, il-mistoqsija għalhekk issir jekk, f'dan il-każ, il-qrati nazzjonali kompetenti għandhom "ġurisdizzjoni sħiħa" biex jistħarrġu d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi.

2) Isir stħarriġ minn qorti b'"ġurisdizzjoni sħiħa"?

72. L-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tidher differenti skont il-proċediment inkwistjoni. Min-naħa waħda, l-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-proċediment *preliminari* jistgħu jiġu appellata quddiem il-Qorti Suprema. L-istħarriġ ta' dik il-qorti hija limitata għal kwistjonijiet ta' dritt biss [32]. Hija għalhekk ma tidhirx illi għandha "ġurisdizzjoni sħiħa" biex tistħarreġ kwistjonijiet ta' fatt [33]. Min-naħa l-oħra, l-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-proċediment *penali amministrattiv* jistgħu jiġu appellati b'stħarriġ tal-Qorti Amministrattiva Federali (li, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju nnifisha) [34]. Dik il-qorti tidher li għandha "ġurisdizzjoni sħiħa" biex tirrevedi sejbiet tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi fid-dritt u fil-fatt.

30 *Ibid*., punt 42.

31 Ara, analoġija, mill-ġurisprudenza dwar l-ammissibbiltà ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari maħruġa minn diversi kmamar ta' korpi (ta' reviżjoni jew kważi ġudizzjarji) fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, pereżempju s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et* (C-53/03, EU:C:2005:333, punti 31 sa 37), jew tat-30 ta' Mejju 2002, Schmid (C-516/99, EU:C:2002:313, punti 34 sa 38).

32 Ara, f'iktar dettall, punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33 Ara f'dan ir-rigward, l-Artikolu 30a(1) u (2) tal-ÜbG. B'kuntrast, ara pereżempju il-proċediment ta' reviżjoni disponibbli taħt id-dritt Ġermaniż kontra deċiżjoni tal-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (l-Awtorità Superviżorja Federali Finanzjarja, il-Ġermanja), li tippermetti reviżjoni ta' dritt u fatt. Ara l-Artikolu 48 tal-Wertpapiererwerbs- und Übernahmegesetz (il-Liġi Ġermaniża dwar l-Akkwist ta' Sigurtajiet u Offerti ta' Xiri).

34 L-Artikolu 35(3) tal-ÜbG.

73. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tispjega li hi, fil-prattika, ma hijiex teżerċita "ġurisdizzjoni sħiħa" għax ma tistax tistħarreġ id-deċiżjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi. Hija tinnota li – minħabba l-effetti vinkolanti wiesgħa li r-regoli proċedurali Awstrijaki jorbtu mad-deċiżjonijiet amministrattivi finali – il-qorti tar-rinviju hija marbuta l-konklużjonijietbid-deċiżjonijiet (issa definittivi) tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi fid-deċiżjoni preliminari u ma tistax tistħarreġ dawk il-konklużjonijiet.

74. Fil-qosor, id-dritt nazzjonali jimplimenta sistema, fejn il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi, li (i) ma tissodisfax il-kwalitajiet ta' "qorti", tagħti deċiżjoni, li (ii) ma tistax tiġi mistħarrġa b'mod sħiħ mill-Qorti Suprema, u li, (iii) meta ssir definittiva, (iv) torbot mhux biss lill-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi nnifisha fi proċeduri futuri li jinkludu l-identità tal-partijiet (interpretata pjuttost wiesgħa minn dak il-korp), kawża u oġġett, iżda wkoll (v) kwalunkwe qorti normalment inkarigata bil-kompitu li tistħarreġ dawk il-proċedimenti relatati.

75. Jekk dak huwa verament il-każ, tali sitwazzjoni hija, fil-fehma tiegħi, kontra l-Artikolu 47 tal-Karta u r-rekwiżit għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

76. Jien kieku nenfasizza li dak in-nuqqas ta' kompatibbiltà jitqajjem *għal kull parteċipant* fl-"ewwel", proċedura preliminari, għax hemm jidher li ma hemm l-ebda "tribunal" b'ġurisdizzjoni sħiħa, kif mitlub taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Ma' dik il-problema inizjali, tqum waħda *addizzjonali* fir-rigward għas-sitwazzjoni speċifika tal-partijiet li qas biss kienu qegħdin jipparteċipaw fl-ewwel proċedimenti preliminari.

2. L-istess partijiet fil-proċedimenti sussegwenti

77. GM jargumenta li, filwaqt li hu ppartecipa bħala "parti" fil-proċediment preliminari, hu ma kienx infurmat dwar il-fatt li l-proċediment seta' jwassal għall-impożizzjoni ta' penali "kriminali" permezz tal-proċediment penali amministrattiv. Hu jinnota wkoll li, waqt il-proċediment preliminari, ma kienx ingħata d-dritt li jibqa' sieket.

78. Il-Kummissjoni dwar l-Akkwist ta' Intrapriżi tieħu l-pożizzjoni li d-drittijiet fundamentali kollha ta' GM kienu rrispettati waqt il-proċedimenti preliminari u penali amministrattivi.

79. Filwaqt li huwa għall-qorti tar-rinviju biex tivverifika dawk iċ-ċirkustanzi, il-punt kruċjali għall-finijiet biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali ta' GM huwa l-istess bħal dak evokat għaċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' HL u Adler. B'ċertu mod, il-problema li tqum fl-ewwel sensiela hija *l-istess għall-partijiet kollha*. Huwa biss, fil-kuntest speċifiku ta' fejn il-partijiet huma l-istess fil-proċedimenti, li l-kwistjoni addizzjonali tal-assenza tad-drittijiet tad-difiża ma tistax titqajjem (sakemm, suġġett għall-kundizzjoni li dawk id-drittijiet, li tqajmu matul "l-ewwel fażi", setgħu ġew eżerċitati meta saru implikati).

80. Barra minn dan, ma nara l-ebda raġuni għala, fil-prinċipju, determinazzjonijiet oġġettivi ta' proċedimenti amministrattiv preċedenti ma jistax jiġi invokat fi proċeduri paralleli, jew iktar tard, amministrattivi li joħorġu mill-istess fatti[35]. Hija prattika komuni li deċiżjonijiet amministrattivi ta' wara jieħdu bħala l-bażi tagħhom il-konklużjonijiet, informazzjoni, jew anki elementi ta' evidenza stabbiliti fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħhom jew anki deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi oħra.

[35] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:462, punt 39).

81. Madankollu, il-punt kruċjali għal tali "trasferimenti tul il-fajls" hija li l-parti kkonċernata għandha tkun tista' tibqa teżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu jew tagħha meta tali drittijiet kienu saru jew kienu ser isiru implikati [36]. Ma jistax ikun li tali parti f'daqqa waħda tiġi affaċċjata b'"*fait accompli*", fl-essenza tippreġudika b'mod sinjifikanti il-pożizzjoni tagħha mingħajr dik il-parti qatt ma kellha l-opportunità tiddefendi l-pożizzjoni tagħha.

82. Sa fejn jidher li GM kien il-parti fiż-żewġ proċedimenti, jaġixxi kemm fil-kapaċità tiegħu kif ukoll personalment, il-kwistjonijiet strutturali li jqumu min-nuqqas ta' identità tal-partijiet fost il-proċeduri varji ma tqumx [37]. Jekk id-drittijiet tad-difiża tiegħu ġewx irrispettati jew le fil-każ speċifiku fiż-żewġ settijiet ta' proċedimenti hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju.

3. Kumment tal-aħħar

83. Insibha neċessarja li nenfasizza li dawn il-konklużjonijiet ma jiddubitaw bl-ebda mod il-possibbiltà tad-dritt nazzjonali li jestendi l-effett vinkolanti ta' deċiżjonijiet amministrattivi, li jkunu saru finali, għall-proċedimenti. Huwa, għal darba oħra, pjuttost komuni li deċiżjoni waħda tifforma l-bażi għal deċiżjoni oħra, jew tittieħed inkusiderazzjoni f'proċediment differenti [38]. Ta' spiss, l-effiċjenza amministrattiva, flimkien mal-ugwaljanza u l-prevedibbiltà ta' azzjoni amministrattiva, fil-fatt tinkoraġixxi li ċertu deċiżjonijiet jiġu estiżi għall-proċedimenti [39].

84. Jekk, u kif, l-ordinament ġuridiku nazzjonali jixtieq joħloq effetti vinkolanti ta' deċiżjonijiet finali minn awtoritajiet amministrattivi jitħalla f'idejn l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni tillimita dik l-awtonomija sal-punt li huwa neċessarju li tiġi stabbilita l-protezzjoni effettiva ta' dawk id-drittijiet [40].

85. Huwa ċar ukoll li l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jistabbilixxu sistema ta' deċiżjonijiet amministrattivi, li fihom awtorità amministrattiva nnifisha tissodisfa l-kritjeru ta' "qorti" fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta. Madankollu, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, meta drittijiet derivanti mid-dritt tal-Unjoni huma kkonċernati, il-kontroll (ġudizzjarju) tad-deċiżjonijiet ta' dik l-amministrazzjoni titla' pass "upstream" għall-qrati nazzjonali kompetenti.

86. F'dak il-kuntest, kulma ġie ssuġġerit f'dawn il-konklużjonijiet huwa li t-taħlita speċifika ta' għażliet istituzzjonali u proċedurali magħmula mil-leġiżlatura nazzjonali huma problematiċi għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, fil-proċedimenti preliminari, għandu jkun hemm, f'xi punt, il-possibbiltà li tiġi kkontestata id-deċiżjoni preliminari quddiem qorti b'"ġurisdizzjoni sħiħa" jekk il-partijiet ikunu jixtiequ. It-tieni, il-protezzjoni tad-drittijiet suġġettivi (min-natura tagħhom) ma tippermettix għal "imputazzjoni bi prokura" fi proċedimenti amministrattivi, li fihom individwi jsibu ruħhom f'pożizzjoni fejn il-każ tagħhom qiegħed jiġi ppreġudikat parzjalment minn deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-imġiba tagħhom, stabbilit fi proċeduri preċedenti għal liema huma ma kinux parti.

[36] Ara iktar 'il fuq, il-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[37] Ara iktar 'il fuq il-punti 54 sa 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[38] Fir-rigward il-VAT, ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punti 68 u 90). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:462, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Minkejja raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva ma jistgħux jaġixxu bħala "soluzzjoni maġika" biex tillimita l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2011, Zeturf (C-212/08, EU:C:2011:437, punt 48).

[40] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, EU:C:2015:742, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

V. Konklużjoni

87. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb id-domandi preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) bil-mod segwenti:

"L-Artikolu 4 u 17 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-drittijiet tad-difiża, għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu l-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali li, għandhom bħala l-effett tagħhom li jipprekludu l-partijiet ikkonċernati milli jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħhom matul proċediment penali amministrattiv sussegwenti li jistabbilixxi r-responsabbiltà suġġettiva għall-ksur li joħroġ mid-Direttiva 2004/25 jew li jonqsu milli jipprovdu l-partijiet aċċess għal rimedju effettiv quddiem qorti skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta."